# NEWSHEET TAL-GĦAQDIET KATTOLIĊI

Segretarjat għall-Apostolat tal-Lajċi



IL-KURJA, KAXXA POSTALI 1 TRIQ IR-REPUBLIKA, VICTORIA, VCT 1013, GHAWDEX, MALTA.
TEL: (00356) 2155 6661 - (00356) 2155 6427 - (00356) 2155 1211 FAX: (00356) 2155 127



**Nru. 408** **DIĊEMBRU 2010**


## FESTA TAL- IMMAKULATA KUNĊIZZJONI
## L-Erbgħa, 8 ta' Diċembru 2010

Nhar l-Erbgħa, 8 ta' Diċembru 2010, hija s-solennità tat-tnissil bla tebgħa tal-Verġni Mqaddsa Marija. Kull għaqda, Moviment u Grupp Ekkleżjali għandu jħeġġeġ lill-membri tiegħu biex jiċċelebraw dan il-jum b'qima kbira permezz tal-quddies, tas-smiegħ tal-Kelma t'Alla u tat-tqarbin; kif ukoll b'talb ieħor speċjalment permezz tar-Ružarju Mqaddes u b'xi opra tal-ħniena ma' dawk li huma l-iktar fil-bżonn tal-għajnuna spiritwali u materjali.

## LEĠJUN TA' MARIJA

**1. Il-Ħadd, 12 ta' Diċembru** : Laqgħa Ġenerali Annwali għall-membri kollha tal-Leġjun ta' Marija fiċ-Ċentru Parrokkjali tal-Munxar mill-4.00p.m.- 6.00p.m. Iwassal messaġġ l-E.T.Mons Mario Grech Isqof t'Għawdex.

**2. L-Erbgħa, 15 ta' Diċembru**: Christmas Carol Celebration għar-residenti barranin ta' kull denominazzjoni organizzat mil-Leġjun ta' Marija fil-parroċċa taż-Żebbuġ li jibda fis-7.00p.m. L-E.T. Mons Mario Grech, Isqof t'Għawdex iwassal messaġġ li dawk preżenti.Il-membri ta' l-għaqdiet huma ġentilment mitluba jgħaddu dan l-avviz lil ħbiebhom residenti barranin.

## NOVENA TAL-MILIED

Nhar l-Erbgħa, 15 ta' Diċembru, 2010 tibda in-Novena bi tħejjija għall-Milied. Ejjew nagħmluha bi spirtu qawwi u ħeġġa nisranija.
Dawk kollha responsabbli mill-Għaqdiet, Movimenti u Gruppi oħra Ekkleżjali jagħmlu mezz li l-laqgħat tal-grupp tagħhom ma jkunux fl-istess ħinijiet tan-Novena u funzjonijiet oħra li isiru fil-Knisja biex il-membri tagħhom ikunu jistgħu jattendu għan-Novena li jsiru fil-Parroċċi u fi Knejjes oħra.

## GRAZZI LIL KULĦADD

Inroddu ħajr lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom matul din is-sena 2010 biex din in-'Newsheet' tal-Għaqdiet Kattoliċi tasal u tinqara kull xahar fil-laqgħat kif ukoll tintuża mill-Mass Media.

Nixtiequ nagħtu l-awguri sinċieri tagħna tal-Milied Qaddis 2010
u
Sena Ġdida 2011 mimlija risq , barka u ħidma fil-Mulej li ġej.

*******************************************************************************************



# Kalendarju Pastorali
# DIĊEMBRU – 2010
# Numru 408



| | |
|---|---|
| 1.Erbgħa | Jum Dinji kontra l-AIDS (NU) / Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani (Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb - 8.30am) |
| 2.Ħamis | Seminar għall-animaturi liturġiċi dwar il-Quddiesa tal-Ħadd (Ċentru Parrokkjali Munxar - 6.00pm) Laqgħa tal-Kummissjoni Festi Esterni (Ċentru Ragħaj it-Tajjeb - 7pm) |
| 3.Ġimgħa | San Franġisk Saverju - Tif.(O) / Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità (NU).<br>L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar.Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi. |
| 4.Sibt | San Ġwann Damaxxenu, presbiteru u duttur tal-Knisja (Tifkira) / L-Ewwel Sibt tax-xahar.<br>Nofs ta' nhar ta' spiritwalità għas-saċerdoti – Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb fit-8.30a.m.<br>Quddiesa għar-Ruħ l-Isqof Nikol Ġ.Cauchi mill-E.T. Mons Mario Grech fl-Azzjoni Kattolika, Victoria,fl-4.30p.m./Lectio Divina għaż-Żgħażagħ (Dar Nazaret – 8.30p.m. – KDŻ.)<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Knisja ta' Sant'Anton Xagħra li jibda b'quddiesa fit-8.00p.m. |
| 5.Ħadd | It-Tieni Ħadd ta' l-Avvent./ Jum il-Volontarjat.<br>Irtir għall-Katekisti (Manresa) // Rit tal-Akkolitat (Parroċċa San Ġorġ - 5pm) / Films għall-familja kollha fl-Oratorju Don Bosco, Victoria fil-5.30p.m. |
| 6.Tnejn | San Nikola, Isqof – Nitolbu għar-ruħ l-Isqof Emeritus Nikol Ġ Cauchi. |
| 7.Tlieta | San Ambroġ, isqof u duttur tal-Knisja (Tifkira (O)<br>Velja tal-Kunċizzjoni, Santwarju ta' Pinu fis-6.30p.m. |
| 8.Erbgħa | Solennità tat-Tnissil bla Tebgħa tal-Verġni Marija. Messalin Sena B. p. 568.<br>Festa tal-Kunċizzjoni f'San Franġisk, Victoria u fil-Knisja tal-Kunċizzjoni Qala. |
| 9.Ħamis | Laqgħa tal-Kummissjoni Djoċesana Familja (Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb - 7.00pm) |
| 10.Ġimgħa | IL-Beata Verġni Marija ta' Loreto / Jum id-Drittijiet tal-Bniedem (NU).<br>Sahra ta' Talb f'Ta' Ħamet mis-Saċerdoti għas-Saċerdoti 8.00p.m – 12.00 nofs il-lejl. |
| 10,11,12 | Kwaranturi Knisja tal-Karmnu ta' Ħamet mill- Moviment Ewkaristiku . |
| 11.Sibt | Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Knisja Ta' Ħamet li jibda b'quddiesa fit-8.00p.m.<br>Lectio Divina għaż-Żgħażagħ (Dar Nazaret – 8.30p.m. – KDŻ.) |
| 12.Ħadd | It-Tielet Ħadd ta' l-Avvent / Festa ta' Santa Luċija Verġni u Martri f'Santa Luċija.<br>Ċenaklu – Irtir minn Dun Charles Sultana (Dar Ċentrali tal-AK - 8.30am)<br>Films għall-familja kollha fl-Oratorju Don Bosco, Victoria fil-5.30p.m.<br>Għeluq ta' l-Adorazzjoni Solenni ta' Ħamet – Quddiesa minn Mons Ġiovanni. B. Gauci Vig.Ġen. fis- 7.30p.m. |
| 13.Tnejn | Santa Luċija Verġni u Martri.Tifkira (O) / Jum ir-Repubblika (Festa Nazzjonali).<br>Quddiesa għall-persuni separati (KDF - Manresa - 8.00pm) |
| 14.Tlieta | San Ġwann tas-Salib,presbiteru u duttur tal-Knisja Tifkira (0)<br>Laqgħa għaż-Żgħażagħ Għawdxin f'Malta (Kappella tal-Università - 7.15pm) |
| 15.Erbgħa | Tibda n-Novena tal-Milied fil-Parroċċi u l-Knejjes kollha.<br>*Christmas Carol Celebration* għar-residenti barranin oganizzata mil-Leġjun ta' Marija fil-Parroċċa taż-Żebbuġ, Għawdex fis-6.45p.m. / Laqgħa KKSK (Laura Vicuna) |
| 18.Sibt | Lectio Divina għaż-Żgħażagħ (Dar Nazaret – 8.30p.m. – KDŻ.)<br>Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati fil-Parroċċa tax-Xewkija li tibda fis-5.30p.m.<br>Lejl ta' Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. fil-Kappella tal-Oratorju Don Bosco, Victoria, fit-8.00p.m. |
| 19.Ħadd | Ir-Raba' Ħadd ta' l-Avvent / Films għall-familja kollha fl-Oratorju Don Bosco, Victoria fil-5.30p |
| 21.Tlieta | Laqgħa għall-persuni f'relazzjoni barra miż-żwieġ (KDF - Dar Nazaret - 7.00pm) |
| 24.Ġimgħa | Vġili tal-Milied. Messalin. Sena A. Paġina 87.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Knisja ta' Savina, Victoria, li jibda fit-8.00p.m. |
| 25.Sibt | Solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Il-Milied - Messalin sena A. paġina.91-97- 101 – Pontifikal Katidral. |
| 26.Ħadd | Il-Familja Mqaddsa ta' Ġesù,Marija u Ġużeppi- Festa.<br>Films għall-familja kollha fl-Oratorju Don Bosco, Victoria fil-5.30p.m. |
| 27.Tnejn | San Ġwann Appostlu u Evanġelista – Festa |
| 28.Tlieta | Il-Qaddisin Innoċenti, martri – Festa |
| 30.Ħamis | Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewkaristiku fil-Parroċċa tan-Nadur li jibda fit-8.30p.m.<br>Laqgħa għall-persuni separati (KDF - Dar Nazaret - 8.00pm) |
| 31.Ġimgħa | San Silvestru I. Papa – Għeluq tas-Sena 2010 |

| | |
|---|---|
| | L-AĦĦAR JUM TAS-SENA 2010 - **Jitkanta t-"TE DEUM" bħala ringrazzjament lil Alla.** |
| | ****** ***IL-MILIED IT-TAJJEB U S-SENA T-TAJBA LIL KULĦADD*** ******** |